

32003E0092

L 34/26

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

11.2.2003

AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2003/92/PESK**tas-27 ta' Jannar 2003****ta' l-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidra t-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 14, l-Artikolu 25, it-tielet subparagrafu, l-Artikolu 26 u l-Artikolu 28(3) miġjubin fih,

Billi:

- (1) Il-Kunsill Ewropew ħabbar ir-rieda ta' l-Unjoni Ewropea li twettaq operazzjoni militari sabiex tkompli fuq l-operazzjoni tan-NATO f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, sabiex issir kontribuzzjoni ulterjuri għal ambjent stabbli, ħieles mill-perikli, sabiex il-Gvern FYROM ikun jistà jimplementa il-Ftehim Kwadru Ohrid.
- (2) B'mod konformi mal-Ftehim Kwadru Ohrid, il-kontribuzzjoni ta' l-Unjoni hija bbażata fuq metodu wiesgħa permezz ta' attivitajiet li jindirizzaw il-varjetà kollha ta' aspetti relatati tas-soċjetà bbażata fuq id-dritt, inklużi l-programmi ta' bini ta' l-istituzzjonijiet u l-attivitajiet tal-pulizija li għandhom ikunu ta' sostenn u rinforz reċiproku. L-attivitajiet ta' l-Unjoni, appoġġjati, fost affarijiet oħra, mill-programmi ta' bini ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunità taħt ir-Regolament CARDS Regulation, għandhom jikkontribwixxu għall-implementazzjoni tal-paċi ġenerali f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja kif ukoll għall-kisbiet tal-politika ġenerali ta' l-Unjoni fir-reġjun, partikolarment il-proċess il-proċess ta' stabbilizzazzjoni u assoċjazzjoni.
- (3) L-Unjoni ħatret Rappreżentant Speċjali ta' l-UE sabiex jikkontribwixxi għall-konsolidazzjoni tal-proċess politiku u l-implementazzjoni totali tal-Ftehim Kwadru Ohrid, sabiex tiġi żgurata il-koerenza ta' l-azzjoni esterna ta' l-UE u sabiex tiġi żgurata il-kordinazzjoni ta' l-isforzi tal-komunità internazzjonali sabiex tgħin fl-implementazzjoni u s-sostenibbiltà tad-disposizzjonijiet ta' dak il-Ftehim Kwadru.
- (4) Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-GM 1371 (2001) addottat fis-26 ta' September 2001 jilqà il-Ftehim Kwadru jsostni l-implementazzjoni totali tiegħu permezz ta' l-isforzi ta', fost l-oħrajn, l-UE.
- (5) Fis-17 ta' Jannar 2003, l-awtoritajiet ta' dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja stiednet lill-Unjoni

sabiex tassumi responsabbiltà għal dak li jiġi wara l-operazzjoni tan-NATO "Allied Harmony"; għal dan il-għan, sa jkun hemm skambju ta' ittri bejn l-awtoritajiet ta' dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Unjoni. L-UE qiegħda tintensifika proċess ta' konsultazzjonijiet man-NATO, kif imbassar fl-arranġamenti ta' Nice.

- (6) Sabiex ikun pjanat u preparat l-użu ta' forza militari tal-UE f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, hemm il-ħsieb li jinħatar Kmandant ta' l-operazzjonijiet.
- (7) L-Unjoni Ewropea hija kkommissa li tilħaq ftehim komprensiv man-NATO fuq l-arranġamenti permanenti rilevanti kollha rilevanti li baqa' bejn l-UE u n-NATO, b'mod konformi mal-prinċipji miftehma fil-Kunsill Ewropew, u b'mod partikolari fil-laqgħa ta' Nice mis-7 sad-9 ta' December 2000, u f'Kopenhagen fit-12 u t-13 ta' December 2002.
- (8) Il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà għandu jeżerċita kontroll politiku fuq u jipprovdri direzzjoni strateġika għall-operazzjoni mmexxija mill-UE u jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti skond l-Artikolu 25, it-tielet paragrafu tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea.
- (9) B'mod konformi mal-linji gwida tal-Kunsill Ewropew ta' Nice mis-7 sad-9 ta' December 2000, din l-Azzjoni Konġunta għandha tiddetermina ir-rwol tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli skond l-Artikoli 18 u 26 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea fl-implementazzjoni ta' miżuri li jaqgħu taħt il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika eżerċitata mill-Kumitat Politiku u tas-Sigurtà (PSC), skond l-Artikolu 25 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea.
- (10) L-istati terzi għandhom jipparteċipaw fl-operazzjoni skond il-linji gwida stabbiliti mill-Kunsill Ewropew.
- (11) B'mod konformi ma' l-Artikolu 28(3) tat-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea, in-nefqa fuq l-operazzjonijiet relatati ma' din l-Operazzjoni Konġunta li għandha implikazzjonijiet militari għandhom jitħallsu mill-Istati Membri konsistentement mal-Kwadru Ġenerali stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2002.

- (12) L-Artikolu 14(1) tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea isejjaħ għall-identifikazzjoni tal-mezzi fid-disposizzjoni ta' l-Unjoni għall-perjodu kollu ta' l-implimentazzjoni ta' l-Azzjoni Konġunta; f'dan il-kuntest, għandu jii indikat ammont ta' referenza finanzjarja.
- (13) L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-ispejjeż ta' l-operazzjoni, li l-parametri tagħhom ikunu ġew definiti fil-kunċett ġenerali approvat mill-Kunsill fit-23 ta' Jan-nar 2003 jikkositwixxi l-aħjar stima attwali u hija mingħajr preġudizzju għal figuri finali li għandhom ikunu inklużi f'budget li għandu jkun approvat skond il-prinċipji stabbi-liti fid-deċiżjoni kwadru ġenerali msemmija fil-premessa 11.
- (14) B'mod konformi ma' l-Artikolu 6 tal-Protokoll fuq il-posizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u l-implementazzjoni tad-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża, id-Danimarka ma tipparteċipax fil-finanzjament ta' l-operazzjoni,

ADDOTTA DIN L-AZZJONI MAGĦQUDA:

Artikolu 1

Missjoni

1. Fuq il-bażi ta' l-arranġamenti man-NATO u bla ħsara għal xi deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill, kif specificat fl-Artikolu 3, l-Unjoni Ewropea għandha twettaq operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, fuq talba tal-gvern FYROM, sabiex tiġi żgurata il-fażi ta' wara l-operazzjoni tan-NATO "Allied Harmony".

2. Il-forzi użati għal dan il-għan għandhom joperaw skond l-għanijiet stabbiliti fil-kunċett ġenerali approvat mill-Kunsill.

3. L-operazzjoni għandha titwettaw bl-użu ta' assi u kapaċitajiet tan-NATO, fuq il-bażi maqbula man-NATO.

Artikolu 2

Ħatra tal-Kmandant ta' l-Operazzjoni

1. Il-Kunsill sa jaħtar Kmandant ta' l-Operazzjonijiet ta' l-UE.

2. In-NATO sa tkun mistiedna taqbel li l-Ammirall R. FEIST, Deputat Kmandant Suprem ta' l-Alleati għall-Ewropa (D-SACEUR), ikun maħtur Kmandant ta' l-Operazzjonijiet ta' l-UE.

3. In-NATO sa tkun mistiedna taqbel li l-Kwarieri Ġenerali ta' l-Operazzjonijiet ta' l-UE ikunu fil-Kwartieri Ġenerali tal-Poteri Alleati fl-Ewropa (SHAPE).

Artikolu 3

Pjanar u tnehdija ta' l-Operazzjoni

Meta l-Kunsill ikun ħa d-deċiżjonijiet neċessarji previsti fil-proċeduri ta' l-UE dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet, inklużi d-Deċiżjonijiet fuq il-Kmandant ta' l-Operazzjoni (Op Cdr), il-pjan ta' operazzjoni (OPLAN), ir-regoli tal-gwerra (RoE), il-Kwartieri Ġenerali (OHQ) u l-Kmandant tal-Forza ta' UE (F Cdr), il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar it-tnehdija tal-operazzjoni.

Artikolu 4

Kontroll Politiku u direzzjoni strateġika

1. Il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà għandu jeżerċita taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika ta' l-operazzjoni. Il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà għandu jeżerċita taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika ta' l-operazzjoni. Il-Kunsill qiegħed permezz ta' din l-Azzjoni Konġunta jawtorizza il-Kumitat Politiku u ta' sigurtà sabiex jieħdu d-deċiżjonijiet rilevanti skond l-Artikolu 25 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea Din l-awtorizzazzjoni għandha tinkludi il-poteri neċessarji sabiex jiġi emendat il-pjan ta' operazzjoni, il-katina tal-kmand u r-regoli tal-gwerra Il-poteri ta' deċiżjoni rigward l-għanijiet u t-terminazzjoni ta' l-operazzjoni għandhom jibqgħu f'idejn il-Kunsill, assisit mis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli. Permezz ta' din l-Operazzjoni Konġunta l-Kunsill jawtorizza il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà sabiex jieħdu d-deċiżjonijiet rilevanti b'mod konformi ma' l-Artikolu 25 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea. Din l-awtorizzazzjoni għandha tinkludi l-poter li jiġi emendat il-pjan ta' operazzjoni, il-katina tal-kmand u r-regoli tal-gwerra. Il-poteri deċiżjonali rigward l-għanijiet u t-terminazzjoni ta' l-operazzjoni għandhom jibqgħu f'idejn il-Kunsill, assistit mis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli.

2. Il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà għandu jirraporta lill-Kunsill f'intervalli regolari.

3. Il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà għandu jirċievi rapporti mill-President tal-Kumitat Militari ta' l-Unjoni Ewropea (CEUMC) rigward it-twetliq ta' l-operazzjoni militari f'intervalli regolari. Il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà jista' jistieden lill-Kmandant ta' l-Operazzjonijiet għall-laqqgħat tiegħu kif xieraq.

Artikolu 5

Direzzjoni Militari

1. Il-Kumitat Militari ta' l-UE (EUMC) għandu jara li l-operazzjoni militari tkun eżegwita kif suppost mwettqa taħt ir-responsabbiltà tal-Kmandant ta' l-Operazzjoni.

2. L-EUMC għandu jirċievi rapporti mill-Kmandant ta' l-Operazzjoni f'intervalli regolari. Dan jista' jistieden lill-Kmandant ta' l-Operazzjoni għall-laqqgħat tiegħu skond il-bżonn.

3. Iċ-CEUMC għandu l-funzjoni ta' l-ewwel punt ta' kuntatt mal-Kmandant ta' l-Operazzjoni.

Artikolu 6

Relazzjonijiet mal-FYROM

Is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli u r-Rappreżentant Speċjali ta' l-Ue fil-FYROM fi ħdan il-mandati rispettivi tagħhom għandhom ikollhom il-funzjoni ta' l-ewwel punti ta' kuntatt ma' l-awtoritajiet tal-FYROM għall-kwistjonijiet relatati ma' l-implementazzjoni ta' din l-Azzjoni Magħquda. Il-Presidentza għandha tinżamm informata regolament u immedjatament fuq dawn il-kuntatti. Il-Kmandant tal-Forza għandu jżomm kuntatt ma' l-awtoritajiet lokali dwar il-kwistjonijiet rilevanti għall-din il-missjoni.

Artikolu 7

Kordinazzjoni u kollegament

Mingħajr preġudizzju għall-katina tal-kmand, il-Kmandanti ta' l-UE għandhom jikkordinaw mill-qrib mar-rappreżentant speċjali ta' l-UE fil-FYROM bil-ħsieb li tiġi żgurata l-konsistenza ta' l-operazzjoni militari mal-kuntest aktar wiesgħa ta' l-attivitajiet ta' l-EU fil-FYROM. F'dak il-kwadru, il-Kmandanti ta' l-UE għandhom jikkomunikaw u jikkordinaw ma' kollegi internazzjonali oħra fil-qasam skond il-każ.

Artikolu 8

Parteċipazzjoni ta' Stati Terzi

1. Mingħajr preġudizzju għal awtonomija fit-teħid ta' deċiżjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea u għall-Kwadru Istituzzjonali Uniku, u b'mod konformi mal-linji gwida tal-Kunsill Ewropew, b'mod partikolari dawk mogħtija fil-laqgħa tiegħu f'Nice fis-7 sad-9 ta' Diċembru 2000:

- il-membri tan-NATO li mhumiex membri fl-UE għandhom jipparteċipaw fl-operazzjoni jekk ikunu jixtiequ,
- il-pajjiżi li jkunu ġew mistiedna mill-Kunsill Ewropew ta' Kopenhagen sabiex isiru Stati Membri huma mistiedna sabiex jipparteċipaw fl-operazzjoni, b'mod konformi mal-modalitajiet maqbula,
- l-imsieħba potenzjali jistgħu ukoll ikunu mistiedna jipparteċipaw fl-operazzjoni.

2. Permezz ta' din l-Azzjoni Konġunta l-Kunsill jawtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà sabiex fuq rakkomandazzjoni tal-Kmandant ta' l-Operazzjoni u tal-EUMC, jieħu d-deċiżjonijiet wara l-aċċettazzjoni tal-kontribuzzjonijiet proposti.

3. Għandhom isru arranġamenti dettaljati rigward il-parteċipazzjoni ta' Stati Terzi permezz ta' ftehim, konformement ma' l-Artikolu 24 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea. Is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli li jassisti l-presidenza jista' jinnegoza dawn l-arranġamenti f'isimha.

4. Dawk l-Istati Terzi li jagħtu kontribuzzjonijiet militari għall-operazzjoni mmexxija mill-UE għandhom ikollhom l-istess drittijiet u obbligi f'dak li għandu j'aqsa ma' l-amministrazzjoni ta' kuljum ta' l-operazzjoni bħall-Istati Membri ta' l-UE li jieħdu sehem fl-operazzjoni.

5. Il-Kunsill qiegħed hawnhekk jawtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà sabiex jieħu d-deċiżjonijiet neċessarji, fuq l-istabbiliment ta' kumitat ta' kontributori, fil-każ li stati terzi jip-provdu kontribuzzjonijiet militari sinifikanti.

Artikolu 9

Arranġamenti finanzjarji

1. Il-Kunsill għandu jistabbilixxi mekkaniżmu finanzjarju sabiex ikopri l-ispejjeż komuni ta' l-operazzjoni li ssir referenza għaliha fl-Artikolu 1.

2. Għall-finijiet ta' din l-operazzjoni:

- Il-kwartieri u l-akkomodazzjoni għall-forzi kollha għandhom ikunu eliġibbli għall-ħlas bħala spejjeż komuni,
- spejjeż,
- In-nefqa relatata mat-trasport tal-forzi kollha m'għandhomx ikunu eliġibbli għall-ħlas bħala spejjeż komuni.

3. L-amount ta' referenza finanzjarja għandu jkun ta' 4 700 000 EUR.

Artikolu 10

Relazzjonijiet man-NATO

1. Il-kuntatti u laqgħat bejn l-UE u n-NATO għandhom jiġu intensifikati matul il-preparazzjoni u l-kondotta ta' l-operazzjoni, fl-interess tat-transparenza, il-konsultazzjoni u l-koperazzjonibejn iż-żewġ organizzazzjonijiet. Dan għandu jinkludi laqgħat fil-livell tal-PSC/NAC u l-Kumitat Militari and kuntatti regolari bejn l-UE u l-Kmandanti tan-NATO fir-reġjun. Matul l-operazzjoni in-NATO għandha tinżamm informata fuq l-użu ta' assi u kapaċitajiet tan-NATO. Il-PSC għandu jinforma lin-NAC qabel jip-proponi it-terminazzjoni ta' l-operazzjoni lill-Kunsill.

2. Il-katina ta' kmand kollha kemm hi sa tibqa' taħt il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-UE matul l-operazzjoni kollha, wara konsultazzjoni bejn iż-żewġ operazzjonijiet. F'dak il-kwadru il-Kmandant ta' l-Operazzjoni sa jirraporta fuq it-tweġieq ta' l-operazzjoni lil korpi ta' l-UE biss. In-NATO sa tkun informata bl-iżviluppi fis-sitwazzjoni bil-korpi addattati, b'mod partikolari l-PSC u l-President tal-Kumitat Militari.

Artikolu 11

Komunikazzjoni ta' nformazzjoni klassifikata lin-NATO u l-Istati terzi

Is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli huwa awtorizzat li jikkomunika lin-NATO u terzi persuni assoċjati ma' din l-Azzjoni Magħquda informazzjoni klassifikata u dokumenti ġenerati għall-finijiet ta' l-operazzjoni b'mod konformi mar-Regolamenti tas-Sigurtà tal-Kunsill.

Artikolu 12

L-Istatus tal-forzi mmexxija mill-UE

L-istatus tal-forzi mmexxija mil-UE f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja għandu jkun is-suġġett ta' ftehim mal-Gvern ta' dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja li għandu jkun konkluż fuq il-bażi ta' l-Artikolu 24 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 13***Dħul fis-seħħ**

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2003.

*Artikolu 14***Il-Pubblikazzjoni**

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tkun pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, is-27 ta' Jannar 2003.

Għall-Kunsill

Il-President

G. PAPANDREOU
